# Tribunal Industrijali

**Deċiżjoni Nru : 2643**

**Każ Nru : 3570/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Jacqueline Farrugia**

**(ID : 135067(M))**

**u**

**Malta Public Transport**

**Services (Operations)**

**Limited (C-48875)**

Illum : 9 ta' Jannar, 2020

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Chris Frendo nhar l-10 ta' Lulju, 2017, f'isem ir-rikorrenti Ms.Jacqueline Farrugia. Ir-rikorrenti esponiet fir-rikors kif ġej:

Ir-rikorrenti kienet ilha tahdem mas-socjeta' ntimata għal ħames snin u dejjem għamlet xogħolha sew. Illi fil-5 ta' Ottubru 2016, waqt ix-xogħol, is-Sur Alexander Zammit, impjegat ieħor mas-socjeta' ntimata, sejjaħ lir-rikorrenti quddiem uffiċju mimli ħaddiema oħra. Dan għamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti dwar allegat nuqqas ta' flus rigward li l-bejgħ tal-biljetti

ma qabilx mal-flus miġbura. Illi wara rriżulta li kien żball amministrattiv u li ma kienx hemm flus nieqsa.

Illi l-imsemmi s-Sur Alexander Zammit għamel xenata sħiħa bla bżonn, umilja lir-rikorrenti b' ħafna għajjat u storbju rigward allegazzjonijiet li r-rikorrenti kienet ħadet xi flus għalija. Dan jikkostitwixxi *bullying* u aġir irresponsabbli fuq il-post tax-xogħol.

Illi wara ftit minuti li r-rikorrenti ħadet din il-battikata bagħtet *email* fejn talbet li tibda taħdem in-*notice period*.

Illi l-għada s-6 ta' Ottubru, 2016, is-Sur Jean Marc Camilleri, mis-socjeta' ntimata, wieġeb għal l-*email* tar-rikorrenti *'Jackie please let me know what is happening. HR have been advised. You give us the letter or else retract this email'*.

Illi fis- 6 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrenti wieġbet billi qalet li xogħol qiegħed għal qalba u għalhekk qed tirtira l-*email* tal-5 ta' Ottubru, 2016.

Illi jumejn wara r-rikorrenti rceviet ittra datata 7 ta' Ottubru, 2016, iffirmata mis-Sinjura Rita Giordimaina għan-nom tas-socjeta' ntimata fejn ġiet infurmata li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha se tkun it-30 ta' Novembru 2016.

Illi sar intervent mil-konsulent legali tar-rikorrenti u saru diversi skontri mas-socjeta', li r-rikorrenti kienet taħt pressjoni kbira meta kitbet biex tagħti n-*notice* fil-5 ta' Ottubru 2016 kif ukoll is-sur Jean Marc Camilleri kien ta ċans lir-rikorrenti tirtira l-*email* fis-6 ta' Ottubru, 2016.

Illi wara protest ġudizzjarju, is-socjeta' ntimata fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju irrevokat id-deċiżjoni tagħha u qalet lir-rikorrenti sabiex tirritorna lura għax xogħol.

Illi minħabba l-aġir abbużiv kif spjegat ir-rikorrenti bdiet issofri min tensjoni kbira u aġitazzjoni.

Il-Konsulent, Dr. Joseph Spiteri, iċċertifika lir-rikorrenti li qed tbati minn anzjeta qawwija u ta parir biex tistrieħ u li mhix tajba għax xogħol.

Min żmien għal żmien is-socjeta' ntimata kienet tistaqsi lir-rikorrenti meta se tirritorna, u r-rikorrenti dejjem bagħtet iċ-ċertifikat li għadha mhux tajba għax xogħol u anke lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali.

Illi fis-6 ta' Marzu, 2017, ir-rikorrenti telgħet quddiem *Board* mediku f'Mater Dei maħtur mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fejn ġiet eżaminata. Il-*Board* iddeċida li r-rikorrenti għandha tibqa' tibbenefika mill-benefiċċji tal-mard.

Illi f'April 2017, ir-rikorrenti ġiet mitluba tiġi invistata mit-tabib tas-socjeta' ntimata u ġiet mitluba tagħti permess lit-tabib tagħha jiddiskuti l-każ mat-tabib tas-socjeta'. Ir-rikorrenti aċċettat it-talba.

Illi fil-21 ta' Ġunju, 2017, ir-rikorrenti rċeviet ittra mis-socjeta' ntimata fejn ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie tterminat. Illi din l-ittra tgħid li r-rikorrenti naqset li segwi dak mitlub minnha f'ittra oħra ta' 9 ta' Ġunju, 2017, illi skont ir-rikorrenti ma rċevietix. Ir-rikorrenti qed issaqsi lis-socjeta' tipproduċi n-numru tar-reġistrazzjoni tal-ittra.

Illi wara saret korrispondenza bejn il-konsulenti tal-partijiet u jirriżulta li l-ittra ta' 9 ta' Ġunju, 2017 teżisti u l-konsulent legali tar-rikorrenti kien irċieva kopja. Li jrid jiġi verifikat huwa jekk ir-rikorrenti rċevietx kopja u li l-ittra kellha tkun indirizzata lir-rikorrenti mhux l-avukat.

Illi l-konsulent tar-rikorrenti Dr. Joseph Spiteri qatt ma kellem lit-tabib tas-socjeta' ntimata dwar ir-rikorrenti.

Illi jfisser li s-socjeta' naqset fuq żewġ binarji :

- Naqset li żżomm ma'  li qalet li kien hemm bżonn diskussjoni bejn żewġ tobba tal-partijiet;
- Naqset ukoll li tibgħat l-ittra ta' 9 ta' Ġunju 2017 lir-rikorrenti biex tkun tista twieġeb.
- 

Illi l-posta reġistrata ma ġietx użata bħal ma ġiet użata fl-ittra tal-21 ta' Ġunju 2017 u żbaljat li bagħtet l-ittra lil avukat tar-rikorrenti.

Illi dan kollu jikkostitwixxi tkeċċija nġusta għaliex is-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tr-rikorrenti sempliċiment għax marida u naqset li tagħti opportunita ta' tweġiba ta' ittra ta' 9 ta' Ġunju 2017.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob li tingħata lura l-impjieg jew kumpens xieraq.

Min-naħa tagħha s-socjeta' ntimata permezz ta' l-Avukati tagħha Dr. Paul Gonzi u Dr. Thomas Buġeja ddikjarat kif ġej:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfordati fil-fatt u fid-dritt, u li tkeċċija saret għal raġuni ġusta u suffiċjenti skond il-Liġi.

Illi rikorrenti, Jacqueline Farrugia,  kienet impjegata bħala *full time Card Centre Operator* fuq kuntratt indefinit u dan permezz ta' kuntratt tax-xogħol datat 25 ta' Jannar 2016.

Illi nhar il-5 ta' Ottubru 2016,  is-sur Alexander Zammit,  dak iż-żmien kollega tar-rikorrenti fil-Commercial Department, u s-sur Jean Marc Camilleri, Sales Manager, kienu kellmu u kkonfrontaw lil istess rikorrenti dwar xi inezattezzi fil-

flus li l-istess rikorrenti kienet iddepożitat wara x-xogħol tagħha, u dan għaliex l-flus depożitati fil-verita ma kienux jaqblu mal-Point of Sale Z-reading.

Illi kkonfrontata b'dan, ir-rikorrenti ċaħdet kwalunke tip ta' intenzjoni ħażina u tenniet illi ma kienx hemm żbalji fid-depożiti tagħha. Illi għaldaqstant l-istess Alexander Zammit kellu jiċċekja is-CCTV footage u d-dikjarazzjonijiet u l-kalkoli li kient ħaddmet ir-rikorrenti, wara dan instab illi l-istess rikorrenti kient hija stess ħadet żball fil-kalkoli tagħha u fil-verita kellha tkun €7 minn fuq. Illi f' dan il-punt is-sur Jean Marc Camilleri u s-sur Alexander Zammit spjegaw lir-rikorrenti illi hija kienet ħadet żball fid-dikjarazzjoni tagħha u l-istorja waqfet hemm.

Fil-frattemp, u frott deċiżjoni impulsiva għall-aħħar min-naħa tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti bagħtet email dak il-ħin lis-Sur Jean Marc Camilleri u qaltlu *"Hi Jean Marc, I would like to start my notice. Regards Jacqueline Farrugia"*.

Illi s-sur Jean Marc Camilleri prova jkellem lir-rikorrenti sabiex jispjegalha illi kienet qegħda tgħaġġel meta tat ir-riżenja tagħha u saqsiha sabiex tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha. Illi ir-risposta, r-rikorrenti kkonfermat illi xtaqet titlaq mill-post tax-xogħol u insistiet illi s-sur Jean Marc Camilleri jaghaddi l-email tagħha lill-HR sabiex jipproċessaw ir-riżenja tagħha.

Illi l-għada filgħodu, jiġifieri fis-6 ta' Ottubru, 2016, ir-rikorrenti ġiet mitluba sabiex tikkonferma r-riżenja tagħha permezz ta' ittra iżda minflok hija bidlet fehemtha u xtaqet illi tibqa' fl-impjieg tagħha. Illi rinfaċċat b'dan is-sur Jean Marc Camilleri bagħat email oħra lir-rikorrenti fejn staqsiha sabiex tiddeċiedi darba għal dejjem jekk tridx titlaq jew le, u r-rikorrenti ikkonfermat illi xtaqet tirtira r-riżenja tagħha. Illi wara dina l-email u peress illi r-riżenja tagħha kienet diġa ġiet aċċetata mill-HR, l-istess Jean Marc Camilleri avża lir-rikorrenti illi l-irtirar tar-riżenja tagħha ma setgħetx tiġi aċċetata u dan ġie segwit b' iżjed emails.

Illi wara dan id-dizgwid legali, r-rikorrenti intavolat protest ġudizzjarju nhar il-11 ta' Novembru 2016 il-partijiet ftehmu mingħajr preġudizzju u *in buona fede* illi r-rikorrenti setgħet terġa titħol lura għax-xogħol.

Illi nonostante dan il-ftehim u eżatt kif is-socjeta' ntimata aċċettat illi terġa tħalli r-rikorrenti tidħol x-xogħol, ir-rikorrenti bdiet issostni illi l-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2016 kien ikkawżala stress, anzjeta' u tensjoni li kien qiegħed jipprekludiha milli tidħol lura għax-xogħol u dan wassalha sabiex tippreżenta ċertifikat mediku lis-socjeta' ntimata u toħroġ b'*sick leave* sakemm tirkupra mill-kundizzjoni medika tagħha.

Illi ħames xhur wara l-aħħar komunikazzjoni, u waqt illi r-rikorrenti kienet għada fuq *extended sick leave* u s-socjeta' ntimata kienet għadha mingħajr persuna li setgħet tagħmel xogħol ir-rikorrenti, s-socjeta' bagħtet ittra legali lir-rikorrenti fejn talbet lil-istess rikorrenti sabiex tagħti permess lit-tabib tagħha jiddiskuti l-kundizzjoni tagħha mat-tabib mqabbad mis-socjeta', u dan sabiex tifhem aħjar il-kundizzjoni medika li allegament kienet qegħda tipprekludiha milli terġa tirritorna lura għax-xogħol. Illi in risposta għal dan, r-rikorrenti tat il-kunsens tagħha biex dan isir.

Illi t-tabib tas-socjeta' ntimata għamel kuntatt mar-rikorrenti u sar appuntament mediku fejn l-istess tabib, Dr. Schembri Wismayer invista lir-rikorrenti u bagħat ittra dwar il-kundizzjoni medika tar-rikorrenti lis-socjeta'. Illi f'dina l-ittra Dr. M Schembri Wismayer irrimarka illi *"On examination she stated that she felt well and willing to work from tomorrow if she does not come in contact with Mr.Alex Zammit. In conclusion I have no doubt that this lady is undergoing treatment but her selective in ability to return to work under her terms and conditions id highly questionable".*

Illi in vista ta' dan il-parir mediku, u permezz ta' ittra oħra mibgħuta mill-avukat sottoskritt u datata 9 ta' Ġunju, 2017, is-socjeta' ntimata bagħtet ittra legali lil Dr. Charles Frendo bħala l-avukat tar-rikorrenti,  u lir-rikorrenti f'liema ittra s-socjeta' spjegat illi in vista tal-vista medika riferuta, r-rikorrenti kellha tirritorna għax-xogħol fid-19 ta' Ġunju 2017, u fin-nuqqas li tagħmel dan hija kienet ser titqies illi qed tabbanduna l-post tax-xogħol tagħha.

Illi għal l-ittra tad-9 ta' Ġunju 2017, la r-rikorrenti u lanqas l-avukat tagħha ma rrispondew għal din l-ittra u għaldaqstant, s-socjeta' ntimata qieset illi dan n-

nuqqas kien jikkostitwixxi abbandun tax-xogħol min-naħa tar-rikorrent illi għażlet hija nnifisha illi ma terġax tirritorna l-uffiċju.

Illi in vista ta’ dan s-socjeta’ ntimata bagħtet ittra legali oħra datata 21 ta’ Ġunju 2017, li ssegwi mal-korrispondenza bejn l-avukat tal-partijiet fejn is-socjeta’ ntimata informat lir-rikorrent illi peress illi hija kienet naqset milli tirritorna għal post tax-xogħol fiż-żmien stipulat kif rikjest fl-ittra tad-9 ta Ġunju 2017 – hija kienet meqjusa li abbandunat l-impjieg tagħha u għaldaqstant l-kuntratt tax-xogħol tagħha kien ser jiġi tterminat.

Illi fir-rikors l-avukat tar-rikorrenti jipprova jiġġustifika l-allegazzjoni ta’ tkeċċija inġusta fuq il-fatt illi l-ittra datata 9 ta’ Ġunju, 2017 – fejn s-socjeta’ talbet lir-rikorrenti tirritorna għax-xogħol – intbagħtet bil-posta normali u mhux posta reġistrata u li għaldaqstant ma kinitx informata b’dan.

Illi s-socjeta’ ntimata ma tistax tifhem kif dan jista jiġi meqjus bħala tkeċċija nġusta skond il-Liġi – meta s-socjeta’ damet x-xhur tifhem u tistenna lir-rikorrenti tiġi lura għax-xogħol dan nonostante il-fatt illi hija riedet titlaq mix-xogħol fl-ewwel lok, u li l-kundizzjoni medika li kienet qegħda allegatament timpediha milli tirritorna għax-xogħol kienet waħda dubjuża għall-aħħar.

Illi l-ittra illi allegatament qatt ma waslet għand ir-rikorrenti, ġiet mibgħuta lil-avukat tar-rikorrenti peress illi kienet ilha ssir korrispondenza bejn l-avukat tal-partijiet , iżda apparti min hekk u nonostante dan, ġiet mibgħuta wkoll lir-rikorrenti permezz tal-posta normali fl-indirizz residenzjali tagħha.

Illi ukoll, l-istess ittra ġiet mibgħuta wkoll permezz ta’ email datata 9 ta’ Ġunju 2017, liema email intbagħtet kemm lil-avukat Dr. Chris Frendo fuq chris@frendocamillerilegal.com kif ukoll lir-rikorrenti fuq l-indirizz email tagħha jackf@go.net.mt

Illi mhux talli Dr.Chris Frendo u r-rikorrenti irċevew dina l-ittra permezz tal-email, iżda talli ftit sigħat wara illi ntbagħtet dina l-email, l-istess Dr. Chris Frendo wieġeb permezz ta’ email oħra u obbliga ruħu li jinfroma l-klijenta tiegħu meta

qal: *"Dear Colleague, Thankyou for your email. I will forward this letter to her. Regards, Chris"*

Illi apparti mill-email, l-istess Dr Chris Frendo irrisponda għall-ittra/email tad-9 ta' Ġunju, 2017 (li allegament qatt ma nqrat jew ġiet riċevuta mill-klijenta tiegħu) fl-4 ta' Lulju 2017, cioe ġimgħatejn wara l-iskadenza tal-ittra – u qal *"Dear Colleague, I refer to your letter of 9th June 2017. My client has visited her doctor and confirmed that her current medical condition permits her to return to work. Therefore she will contact HR to advise her when to return to work"*

Illi għaldaqstant, jekk huwa vera illi r-rikorrenti qatt ma qrat din l-ittra datata 9 ta' Ġunju 2017, huwa ċar illi dan ma jistax jiġi mputat lis-socjeta', iżda għat-traskuraġni jew nuqqas ta' attenzjoni tal-parti l-oħra.

Illi apparti min hekk, r-rikors tar-rikorrenti jsostni wkoll illi l-fatt li tabib tas-socjeta' naqas milli jkellem lit-tabib tar-rikorrenti jikkostitwixxi xi tip ta' aġir illegali jew illeċitu illi jrendi t-terminazzjoni tar-rikorrenti waħda nġusta, u dan meta kif jafu sew, it-tabib tas-socjeta' flok kellem lit-tabib tar-rikorrenti, kellem lir-rikorrenti stess direttament u dan mingħajr ebda preġudizzju għaliha.

Għal dawn ir-raġunijiet is-socjeta' ntimata temmet tiddikjara,huwa ċar illi t-talbiet tar-rikorrenti mhux biss infondanti fil-fatt u fid-dritt iżda huma wkoll frivoli u fierha speċjalment meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni illi s-socjeta' ntimata damet xhur sħaħ tistenna lir-rikorrenti tirritorna fuq il-post tax-xogħol minflok aċċettat r-riżenja libera tagħha f'Ottubru ta' qabel.

Illi fl-aħħar mill-aħħar m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju illi l-aġir tas-socjeta' ntimata, f'dan il-każ, kien dejjem meqjus u korrett u ma jista' bl-ebda mod jiġi kkunsidrat bħala aġir li jammonta għal tkeċċija inġusta skond il-Liġi.

Provi

F'dawn il-proċeduri xehdu: Is-Sur Jean Marc Camilleri – Sales Manager, is-Sur Roderick Bajada – Direttur, Dr. Thomas Buġeja – Konsulent Legali (rikorrenti), Dr. M. Schembri Wismayer – Tabib tas-socjeta' ntimata, Dr. Joseph Spiteri – Konsulent Mediku (rikorrenti) u r-rikorrenti. Ġew esebiti wkoll xi dokumenti.

Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk it-terminazzjoni tax-xogħol tar-rikorrenti mis-socjeta' ntimata bir-raġuni tkun 'abbandun tal-post tax-xogħol' hijiex waħda ġusta jew le.

It-Tribunal eżamina l-fatti, il-provi u x-xhieda kollha kif ukoll id-dokumenti preżentati.

Ir-rikorrenti bagħtet e-mail ta' riżenja fil-5 ta' Ottubru 2016, wara li allegata diskrepanza ta' flus li kellha f'xogħolha, li wara rriżulta kien żball tagħha fid-*declaration*. Qalet li għajjtu magħha u kien hemm ħafna xenati.

Fix-xhieda is-Sinjuri Jean Mark Camilleri u Roderick Bajada, Manager u Direttur tas-socjeta' ntimata ċaħdu dan kollu. Sadanittant irriżulta li din kienet it-tieni riżenja tar-rikorrenti. Importanti li nirrimarkaw li r-rikorrenti kienet qed tieħu kura għal dipressjoni kawża ta' separazzjoni minn żwieġ żmien qabel.

Wara proċess ta' kommunikazzjoni bejn l-avukati tal-partijiet, ir-rikorrenti ġiet aċċettata lura għax-xogħol iżda ir-rikorrenti mill-ewwel ħarġet fuq *sick leave* b'mod indefinit. Ir-raġuni għalkemm mhux pruvata kienet li meta kellha dik id-diskrepanza fuq ix-xogħol u skond hi għajjtu magħha dan ħolqilha *stress*.

It-Tribunal innota, anke wara x-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri u ta' Dr. M. Schembri Wismayer li r-rikorrenti, apparti xi stress, hi ma riditx taħdem ma' s-Sur Alex Zammit. Fil-fatt riedet tkun selettiva ma' min taħdem 'għax kieku tmur taħdem l-għada'. Dan xehdu Dr. M. Schembri Wismayer. Issa wara ħames (5) xhur ta' *sick leave* is-socjeta' ntimata ddeċidiet li tieħu pożizzjoni fuq is-sitwazzjoni għaliex ma setgħetx tibqa' bil-post tar-rikorrenti vakant. U dan ukoll wara li eżaminaha Dr. M. Schembri Wismayer.

Għaldaqstant is-socjeta' fid-9 ta' Ġunju 2017, kitbet lill-avukat tar-rikorrenti Dr. Chris Frendo, b'kopja lir-rikorrenti, kif ukoll l-ittra ntbagħtet email kemm lil avukat kif ukoll lir-rikorrenti.

L-ittra u l-email l-avukat irceviehom. Ir-rikorrenti ma rċevietx, skond hi, la waħda, u lanqas l-oħra.

L-ittra kienet tirreferi għal-pożizzjoni tar-rikorrenti u ukoll għar-rapport ta' Dr. M. Schembri Wismayer u li s-socjeta' infurmaha li għandha tirritorna lura għax-xogħol nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017. Ukoll il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti rigward xi intimidazzjonijiet ħa jiġu mħarsa bl-aħjar mod possibbli.

Fl-ittra, s-socjeta' ntimata avżat lir-rikorrenti li f'każ li ma tirritornax ghax-xoghol tqis li hi tkun abbandunat l-impjieg.

Dan fil-fatt seħħ, għax fid-19 ta' Ġunju, 2017, ma marritx għax-xogħol. Fuq il-famuża ittra ta' 9 ta' Ġunju 2017, l-avukat tar-rikorrenti rċevieha zgur, għax wara xi sagħtejn wieġeb bi quote: 'Thank you for your email. I will forward this letter to her'. Iżda, skond ir-rikorrenti lanqas din l-email ta' l-avukat tagħha stess ma rċeviet.

Wara li fid-19 ta' Ġunju, 2017, ir-rikorrenti ma marritx għax-xogħol, is-socjeta', fil-21 ta' Ġunju 2017, infurmatha li hi abbandunat l-impjieg. Dan allura jiġi wara li kienu għaddew tnax (12) il-ġurnata mill-ittra ta' 9 ta' Ġunju 2017.

Fl-4 ta' Lulju 2017, ħamsa u għoxrin (25) ġurnata wara 9 ta' Ġunju, 2017, l-avukat tar-rikorrenti kiteb lis-socjeta' ntimata li t-tabib tar-rikorrenti sabha tajba għax-xogħol u li tista tidħol. Dan ma ġiex aċċettat mis-socjeta' ntimata.

It-Tribunal studja u analizza bir-reqqa dan kollu, u qieghed jiddeċiedi li s-socjeta' ntimata fiċ-ċirkustanzi kollha, kienet ġusta li ttitermina l-impjieg tar-rikorrenti fuq raġuni ta' abbandun ta' l-impjieg. It-Tribunal b' dispjaċir, ifakkar ix-xhieda tar-rikorrenti li ħalliet ħafna dubji u li ħareġ ċar li hekk kif is-socjeta' ntimata bagħtet l-ittra ta' terminazzjoni fuq abbandun, ir-rikorrenti saret tajba għax-xogħol u anke skond it-tabib tagħha. Imma kien tard wisq. U t-Tribunal jerġa jtenni li s-socjeta' ntimata kienet serja u ġusta fid-deċiżjoni tagħha.

Għaldaqstant meħuda ċ-ċirkostanzi fit-total kollha tagħhom, dan it-Tribunal qed jiddeċidi li tterminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet waħda ġusta.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro u zbatax-il centezmu (€93.17).

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt

*Chairman*

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja